# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Erbgħa 13 ta' Awwissu 2014, fl-4pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda fl-4pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi m'hemmx aċċess għal Ħlatnun, fejn qed isir il-proġett tal-MTA [ref punt 4.2]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna emajl fejn l-MTA kitbu li residenti li għandhom jgħaddu mill-area għall-propjeta tagħhom se jkollhom aċċess biex jidħlu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil żied illi hu ma jixtieqx jisma fuq il-kelma li tah is-Sindku taż-Żurrieq lis-Sindku Francis Callus, izda jrid bil-miktub illi l-Kunsill ta' Żurrieq jaċċetta li l-Kunsill ta' Ħal Safi jieħu ħsieb l-area meta l-MTA jlestu l-proġett. Is-Sindku qal illi hemm residenti taż-Żurrieq lejn dawk in-naħat illi qegħdin jippretendu l-għajnuna tal-Kunsill ta' Ħal Safi peress illi l-Kunsill ta' Żurrieq qegħdin jgħidu li huma residenti fil-lokalita tagħna.

3.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li l-Kunsill mhux qed jirċievi updates mill-pulizija rigward in-nies illi qegħdin jitressqu quddiem il-qorti għall-vandaliżmu jew għall-ħmieġ illi jħallu meta dawn jinqabdu bic-CCTV [ref punt 4.5]. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Kunsill qed ikollu joqgħod fuq il-kelma tas-Sindku li hemm min qed jitressaq il-qorti għal dawn it-tip t'abbuzi imma m'hemm l-ebda provi/updates. Is-Sindku qal illi qegħdin inaqqsu l-abbuzi fir-raħal, waqt illi hu jaf l-updates fuq ir-residenti mill-lokal illi nqabbdu jabbuzzaw fuq il-kameras. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġġerixxa li nħallsu għas-servizz ta' wardens/pulizija biex nuru eżempju u biex jitnaqqsu dawn l-abbuzi. Is-Sindku qabel mas-suġġeriment illi għandhom jduru r-raħal għal madwar sagħtejn u kien hemm qbil fil-Kunsill illi min ikun qed jagħti s-servizz għandu jagħti warnings u fejn hemm bzonn jieħdu azzjoni wkoll.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-upgrade re Sage [ref punt 4.6] sar.

3.4 Is-Sindku qal illi l-Perit ma setax jattendi għal laqgħa izda se jiltaqa magħna u se jġib l-pjanti tal-proġett illi l-Kunsill kien approva fil-Misraħ San Mattew/ triq Ħajr Ruman [ref punt 4.7].

3.5 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa lis-Sindku jekk jista jikkonferma li l-manutenzjoni tal-funtana fil-Playing Field se ssir fix-xitwa [ref punt 5.1]. Is-Sindku kkonferma li dak huwa l-pjan. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandu l-provi li l-funtana damet taħdem sitt xhur wara l-bidu tal-leġislatura l-ġdida. Is-Sindku qal illi kienet titlef l-ilma u kellha ħafna ħsara. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-pompa x'aktarx ma taħdimx issa li ilha sentejn ma taħdem. Is-Sindku qal illi l-pompa hija ġdida izda xorta hemm problema rigward il-ħela tal-ilma, waqt illi jixtieq jara kif l-ilma tista tibqa ċar. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-Kunsill qed juża 8 ħaddiema issa u mhux 2 tal-IPSL u għalhekk ma jistax jaċċetta l-iskuzi li x-xogħol ma jsirx. Is-Sindku qal illi 2 ħaddiema huma tal-Kunsill, u l-oħrajn huma assenjati magħna għal proġett tal-I.T Room biss.

3.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għall-update rigward is-saqaf tal-bridge tas-sala peress illi ilha nieqsa issa. Is-Sindku qal illi x'aktarx għandha ssir bin-nylon. Is-Sindku qal illi s-saqaf li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ra fuq van [ref punt 5.10] għadu fil-garaxx tal-Kunsill.

3.7 Is-Sindku qal, rigward punt 5.4, li ma qabilx illi kellu jsir biċċa konkos fuq ir-roundabout meta saret it-triq [Carmela Caruana: politiku u avukat] u li issa wieħed jista jara d-difetti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kienet parti mill-proġett. Is-Sindku qal illi mhux qed jgħid issa illi x-xogħol ma sarx sew, izda mill-bidu nett oġġezzjona li jużaw il-konkos u mhux tarmak.

3.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi r-raħal irid ikun attrajenti waqt il-festa ta' San Pawl u għalhekk għandna nużaw arblu u bandiera differenti fid-daħla tar-raħal waqt il-festa.

3.9 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kelna kuntratt mal-WSC li jagħmlu x-xogħol bil-Cold Asphalt waqt illi l-Kunsill ikollu jieħu ħsieb il-manutenzjoni bil-hot asphalt [ref punt 5.7]. Żied illi permessi mhumiex bzonnjuzi sabiex jagħmlu dan ix-xogħol, u li għandhom jħallsuna wara. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi matul l-aħħar tlett snin ħadna somma lura mill-WSC fil-bidu ta' 2011 u darb'oħra matul il-perjodu s'issa. Is-Sindku qal illi hemm kanen li nbiddlu tlett darbiet. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi x-xogħol ma sarx sew peress illi l-WSC m'għamlux ramel. Żied illi l-patching irid isir qabel ix-xitwa.

3.10 Wara talba għall-update rigward il-fuljett mill-kunsillier Publius Abdilla [ref punt 8 tal-Aġenda preċedenti], is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed jara ma' tal-printing biex joħorġu l-fuljett qabel il-festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi m'għandhom l-ebda tort tal-printing peress illi rċieva l-artikli li kellhom bzonn tard ħafna, waqt illi hu ma setax jikonferma r-riklami qabel ma kien jaf kemm hemm spazju għalihom.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ispettur ġie biex jiltaqa miegħu u mas-Sindku biex jiddiskutu l-arranġamenti għal żmien il-festa. Qal illi l-ebda membru tal-Każin ma ġie għal laqgħa [ref punt 9.1] izda li għandhom jiltaqgħu mal-ispettur huma fil-ġranet illi ġejjin. Qal illi ftit qabel il-festa għandu jieħu l-permessi re gabbani l-għassa taż-Żurrieq u li kollox se jsir bħas-snin preċedenti.

3.12 Il-kunsillier Publius Adbilla staqsa fuq update rigward il-qtugħ tal-ħaxix [ref punt 9.3]. Is-Sindku qal illi mexjin bix-xogħol.

3.13 Re punt nru 9.6 il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm tabella fuq iz-zebra crossing ta' triq iż-Żurrieq izda m'hemm l-ebda indikazzjoni li hemm zebra crossing f'triq San Pawl. Rigward iż-żebgħa għax-xogħol ta' manutenzjoni, is-Sindku qal illi għamilna P.O minn kumpanija differenti u l-għada li ordna sample waslu ħalli x-xogħol jista jitkompla.

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 **Ħlas għar-reenactment:** Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-ħlas dovut huwa għal dawk illi ħadu sehem mir-raħal stess. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kont huwa għall-HRGM u li l-ebda ħlas se ssir lir-residenti għax huma ħadu sehem volontarjament. Il-kunsillier Publius Adbilla għamel talba għal rendikont tal-attivita [u ta' kull attivita li ssir].

4.2 Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheet

**5. Korrespondenza**

5.1 **Emanuel Zahra**: Il-Kunsill irċieva ittra mis-sur Zahra u l-mara tiegħu [Catherine] fejn qalu li s-sinjura Zahra waqgħet u weġġħet minħabba d-"diżastru" li hemm fuq bankina f'triq San Tumas [wieħed jista jsib ref. fuq punt 9.10 tal-Minuti preċedenti]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi inkixfu katusi wara li ħaddieħor għamel xogħol privat fit-triq. Is-Sindku qal illi l-Kunsill m'għandu l-ebda tort izda l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi xorta aħna responsabbli għall-manutenzjoni f'kull post pubbliku fir-raħal. Is-Sindku qal illi diġa tkellem mas-sinjura Zahra.

**6. Festa**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s'issa l-Kunsill irċieva 14 il-talba għal permess biex jarmaw gabbani waqt il-festa ta' San Pawl.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat il-lista tat-toroq [bil-ġranet] lill-għassa tal-pulizija taż-Żurrieq u lil Transport Malta, fejn ma kien hemm l-ebda oġġeżjonijiet. Qal ukoll illi kien hemm riklam fid-DOI illi ma jistax isir parkeġġ fit-triq Dun Ġużepp Caruana fl-31 t'Awwissu.

6.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-passat kien hemm problemi meta triq iż-Żurrieq kienet tkun magħluqa waqt il-marċ [bil-katina] u nies bil-pushchairs ma jgħaddux. Żied illi għandna nsibu alternattiva biex huma jkollhom aċċess ukoll.

**7. Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7 pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis-17 ta'Settembru 2014 fil-5.15pm .

Sindku

Francis Callus

Segretarju Eżekuttiv

Anthony Attard